# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI- PRESIDENT

ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF

ONOR. IMHALLEF GIOVANNI M. GRIXTI

Appell Nru. 7/2019/1

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**George Degiorgio**

**Alfred Degiorgio**

***Ommisis***

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2022

Sentenza wara appell dwar eccezzjonijiet preliminari ulterjuri decizi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Dicembru, 2021.

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzati George Degiorgio, Alfred Degiorgio u *ommisis* quddiem il-Qorti Kriminali permezz tal-Att ta' Akkuza li jgib in-numru 07/2019 tas-16 ta' Lulju, 2019 bis-segwenti kapi:

**L-Ewwel Kap**: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), f'dawn il-gzejjer u senjatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, ghall-habta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs), dolozament, bil-hsieb li joqtlu lil Daphne Caruana Galizia jew li jqeghdu l-hajja taghha f'periklu car ikkagunawlha l-mewt;

**It-Tieni Kap**:  Kap: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), f'dawn il-gzejjer u senjatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, ghall-habta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs), dolozament, b'sustanza esplossiva, ghamlu esplozjoni li setghet tqieghed f'perikolu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b'dana illi effettivament persuna (is-Sinjura Daphne Caruana Galizia) tilfet hajjitha;

**It-Tielet Kap** : talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, ghamlu jew xjentement zammew jew kellhom ghandhom jew taht il-kontroll taghhom xi sustanza espoziva, taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi huma ghamluha, zammewha, jew kienet ghandhom ghal hiseb mhux lecitu;

**Ir-Raba' Kap**: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel, f'Malta assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

**Il-Hames Kap**: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw, jew iffinanzjaw ghaqda bil-hsieb li jitwettqu reati kriminali soggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew aktar;

**Is-Sitt Kap**: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel waqt li kienu jafu jew kellhom kawza ragonevoli li jissuspettaw dwar l-ghan jew l-attivita' b'mod generali ta' ghaqda stabbilita bil-hsieb li jitwettqu reati kriminali soggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew aktar, ippartecipaw b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-ghaqda, inkluzi izda mhux limitati ghall-ghoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutagg ta' membri godda;

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet preliminari ulterjuri ta' George Degiorgio u Alfred Degiorgio tad-19 t'Ottubru, 2021 wara li kienu debitament awtorizzati jipprezentaw l-istess b'digriet tal-Qorti Kriminali tal-1 t'Ottubru, 2021 in segwitu ta' xhieda u provi godda introdotti mill-prosekuzzjoni sussegwenti l-Att ta' l-Akkuza kif ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess akkuzati*;*

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Dicembru, 2021 li biha cahdet l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mill-

akkuzati u fit-termini tal-artikolu 440(3) u (4) tal-Kodici Kriminali ordnat li mal-Lista tax-Xhieda akkluza mal-Att ta' Akkuza jizdiedu l-ismijiet tat-traskritrici Dr. Yanica Zammit Tabona, Graziella Abela u Nancy Zammit, u mal-Lista ta' Oggetti u Dokumenti jizdiedu r-registrazzjonijiet kollha ezebiti mix-xhud Melvin Theuma, id-dokumenti pprezentati mix-xhud Clint Zahra, rapprezentant tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, d-dokumenti ezebiti mix-xhud PC132 Sandro Mamo, ir-relazzjonijet u d-dokumenti pprezentati mill-espert Keith Cutajar u t-traskrizzjonijiet ipprezentati mx-xhieda Dr. Yanica Zammit Tabona, Graziella Abela u Nancy Zammit;

Rat ir-rikors tal-appell tal-akkuzati George Degiorgio u Alfred Degiorgio, prezentati fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Dicembru, 2021 li bih talbu lil din il-Qorti joghgobha **thassar, tirrevoka u tannulla** s-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Dicembru, 2021 in kwantu kienu michuda l-eccezzjonijiet ulterjuri minnhom moghtija u konsegwentement tilqa' tali eccezzjonijiet ulterjrui u dan dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Frar, 2022 li biha wiegeb li ghar-ragunijiet hemm infraskritti l-appell ghandu jkun respint u s-sentenza tal-ewwel Qorti tkun konfermata fl-intier taghha;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellanti George Degiorgio u Alfred Degiorgio kif ukoll lill-abbli Deputat Avukat Generali f'isem l-Avukat Generali fl-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2022 li fiha rimettew ruhom ghall-atti miktuba;

Rat l-atti kollha rilevanti;

Ikkunsidrat:

**l-ewwel aggravju** – dwar ic-cahda tal-ewwel sitt eccezzjonijiet (hawn riprodotti):

(1) Illi l-esponenti jitolbu l-isfilz tax-xhieda ta' dak illi gie msejjah bhala "xhud gdid" Melvin Theuma billi l-Avukat Generali ma setax jinvoka l-artikolu 406 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex jitlob illi Melvin Theuma jinstema' u ismu jizdied mal-lista tax-xhieda illi kienet gja gietipprezentata ma' l-Att ta' l-Akkuza u dana peress illi ma kienet tissussisti l-ebda wahda mic-cirkostanzi imsemmija fl-artikolu 406(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi specifikatament illi *it-talba ghas-smigh tax-xhieda fil-kazijiet imsemmijin f'dan l-artikolu* _*ma tigix milqugha hlief meta l-qorti tkun sodisfatta li x-xhieda jkunu sejrin isiefru jew ikunu fl-periklu tal-mewt jew fi stat li aktarx ma jkunux jistghu jidhru l-qorti dak n-nhar tal-kawza;*_

(2) Illi l-esponenti jitolbu l-isfilz tax-xhieda ta' dak illi gie msejjah bhala "xhud gdid" Melvin Theuma billi wkoll l-artikolu 440(5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta invokat minn dina l-Onorabbli Qorti fid-digriet moghti minnha fis-26 ta' Novembru, 2019 (a fol. 644) huwa leziv ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem in kwantu jaghti l-fakulta' illi din l-Onorabbli Qorti *ex officio* tippermetti s-smiegh ta' xhud illi ma tkunx ressqet il-prosekuzzjoni u b'hekk u fil-kaz in specje din l-Onorabbli Qorti ma baqghetx

indipendenti u imparzjali izda uzat tali artikolu tal-ligi bie dak illi ma ghamlitx il-prosekuzzjoni tghamlu hija ossia illi *ex officio* tordna illi jissejjah elvin Theuma bhala xhud. L-esponenti minn issa jitolbu illi l-kwistjoni imqanqla minnhom dwar il-fatt illi l-artikolu 440(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ta lok ghal ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u huwa inkompatibbli mal-jedd ta' smiegh xieraq tigi wkoll referita lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali);

(3) Illi konsegwentement l-esponenti jitolbu wkoll l-isfilz ta' kull dokument jew ezebit iehor illi gie redatt jew maghmul minn Melvin Theuma u ezebit quddiem il-Qorti Istruttorja u illi ismu jitnehha minn fuq il-lista tax-xhieda;

(4) Illi ghall-istess ragunijiet imsemmija hawn fuq l-eccezzjonijiet bin-numru wiehed (1) u (2), l-esponenti jitolbu l-isfilz tax-xhieda illi gew awtorizzati jixhdu b'digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fl-10 ta' Dicembru, 2019 (a fol. 685) u cjoe' Lawrence Pace, Joseph Brincat, Shianne Zammit, David Baldwin, Clint Zahra Rapprezentant tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u PC432 Sandro Mamo illi xehdu quddiem il-Qorti Istruttorja fit-12 ta' Dicembru, 2019 u l-isfilz ta' kull dokument jew ezebit ipprezentat minnhom;

(5) Illi ghall-istess ragunijiet imsemmija hawn fuq fl-eccezzjoni bin-numru tnejn (2), anke b'referenza ghall-fatt illi dina l-Onorabbli Qorti fid-digriet ta' l-10 ta' Dicembru, 2019 invokat l-artikolu 460(5) tal-Kap.9 tal-

Ligijiet ta' Malta, l-esponenti minn issa jitolbu illi l-kwistjoni imqanqla minnhom dwar il-fatt illi l-artikolu 440(5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti lok ghal ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u huwa inkompatibbli mal-jedd ta' smiegh zieraq tigi referita lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali);

(6) Illi ghall-istess ragunijiet imesmmija hawn fl-eccezzjonijiet bin-numru wiehed (1) u tnejn (2), l-esponenti jitolbu l-isfilz ta' kwalunkwe *recordings* illi gew ezebiti in segwitu ghad-digriet taghha tad-29 ta' Mejju, 2020 (a fol. 783);

1. Illi fl-ewwel gravam taghhom, l-appellanti jillanjaw li l-ewwel Qorti ma ndirizzatx il-punt legali minnhom sollevat fl-ewwel sitt eccezzjonijiet bis-segwenti lment: "*Illi l-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata ma indirizzatx il-punt imqajjem f'din l-eccezzjoni. Il-punt legali huwa wiehed verament semplici. Lill-Qorti Kriminali saritilha talba ai termini ta' l-artikolu 406(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex jitressqu l-imsemmija xhieda godda. Hija laqghet dik it-talba ghab-bazi ta' dak l-artikolu u artikolu iehor li dwaru tressqu wkoll sottomissjonijiet f'din l-eccezzjoni. Fis-sentenza appellata il-Qorti Kriminali ma stharrgitx jekk dan huwiex minnu jew le izda dahlet fil-mertu ghaliex dawn ix-xhieda godda ma tressqux qabel ma nhareg l-Att t'Akkuza fil-konfront ta' l-esponenti. Izda bir-rispett kollu dovut, kienet x'kienet ir-raguni hija materja ghal kwantu irrelevanti billi hawn mhux dak il-mertu ta' l-eccezjonijiet ta' l-esponent. Il-mertu huwa jekk gietx osservata ligi ta' procedura penali illi*

*fil-fehma taghhom hija ligi ta' ordni pubbliku u illi ghandha tigi osservata skrupolozament*";

2. Illi qabel ma din il-Qorti tiddisponi minn dan l-aggravju tajjeb li jkunu brevement rikapitolati l-fatti li taw lok ghall-dan l-appell kif ukoll sabiex kollox jitqieghed in perspettiva. Mill-atti processwali jirrizulta illi wara erba' xhur li l-Avukat Generali kien hareg l-Att ta' Akkuza kontra l-akkuzati, l-istess Avukat Generali ressaq talba quddiem il-Qorti Kriminali permezz ta' rikors bid-data tas-26 ta' Novembru, 2019 li fih kien spjegat li dan ix-xhud ma setax jinstema' qabel quddiem il-Qorti Istruttorja waqt l-atti kompilatorji ghaliex ma kienx maghruf minn qabel. Wara li dan ix-xhud, Melvin Theuma, inghata mahfra Presidenzjali fil-25 ta' Novembru, 2019, fejn allura kien gia nhareg l-Att ta' Akkuza, setghet titressaq t-talba quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali kif fil-fatt sehh l-ghada bir-rikors appena msemmi. Dik it-talba ntlaqghet mill-Qorti Kriminali b'digriet tal-istess jum;

3. Illi fil-kors tat-testimonjanza tieghu, Melvin Theuma semma persuni ohra u allegatament ikkollabora mal-Pulizija billi hadhom fuq sit, liema skorta kienet registrata b'mezzi eletronici. Ghalhekk l-Avukat Generali hass il-htiega li jsiru diversi talbiet ohra lill-Qorti Kriminali sabiex jinstemghu dawn il-persuni kollha inkluz registrazzjoni ta' telefonati mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u l-konsegwenzjali traskrizzjonijiet tar-registrazzjonijiet u x-xhieda tat-traskitturi u konsegwentement l-atti jkunu rinvjati mill-gdid lill-Qorti Istruttorja ghal dan il-ghan;

4. Sussegwenti l-gbir ta' dawn il-provi godda, l-appellanti kif debitament awtorizzati mill-Qorti Kriminali, prezentaw eccezzjonijiet ta' natura preliminari ulterjuri liema eccezzjonijiet kienu lkoll michuda mill-istess Qorti bis-sentenza hawn skrutinata;`

5. Illi lura ghal-konsiderazjonijiet dwar l-ewwel aggravju huwa evidenti illi l-eccezzjonijiet minn numru wiehed sa numru sitta kienu divizi f'zewg oqsma fejn minn naha intalab l-isfilz tax-xiehda u dokumenti ghaliex it-talba tal-Avukat Generali saret fuq artikolu zbaljat tal-ligi u ghaliex l-artikolu li bih il-Qorti kkoncediet it-talba huwa leziv tad-drittijiet fondamentali tal-bnieden. Minn naha l-ohra, l-akkuzati talbu referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex ikun sindakat allegat ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom bid-decizjoni tal-ewwel Qorti meta laqghet it-talbiet tal-Avukat Generali ghal-produzzjoni ta xhieda godda;

6. Il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata u frankament ma rriskontratx dak allegat mill-akkuzati, jigifieri li *ma indirizzatx il-punt imqajjem f'din l-eccezzjoni.* Fl-ewwel eccezzjoni taghhom, l-akkuzati talbu l-isfilz tax-xiehda ta' Melvin Theuma ghaliex meta l-Avukat Generali ghamel it-talba tieghu ma setax jinvoka l-artikolu 406 (4) tal-Kap. 9. Ezaminat dan l-artikolu anke mill-ottika gurisprudenzjali, ma hemmx dubju illi moqri wahdu, dan l-artikolu ma jaghti lok ghal-ebda interpretazzjoni stante li huwa car fil-hsieb tieghu. Dan jipprovdi hekk:

> **406. (4) It-talba ghas-smiegh tax-xhieda fil-kazijiet imsemmijin f'dan l-artikolu ma tigix milqugha hlief**

**meta l-qorti tkun sodisfatta li x-xhieda jkunu sejrin isiefru jew ikunu fil-periklu tal-mewt jew fi stat li aktarx ma jkunux jistghu jidhru l-qorti dak in-nhar tal-kawza u jekk ix-xhieda jinsemghu wara li jkun ghalaq iz-zmien li hemm moghti fl-artikolu 438 ghall-prezentata tan-nota tax-xhieda li ghandhom jingiebu fil-kawza, ix-xiehda taghhom ma tistax tingieb hlief bil-permess tal-Qorti Kriminali, li jinghata biss meta din il-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun tal-fehma li l-prova li tista' ssir b'dik ix-xiehda tkun rilevanti ghall-kawza.**

7. Anke hawn jehtieg li jitqieghed kollox in perspettiva u ghalhekk tajjeb li jkun senjalat illi din l-okkorrenza qed tipprospetta sitwazzjoni fejn l-Att ta' Akkuza jkun gia prezentat bhal fil-kaz odjern. L-artikolu 405 li ghalih jirreferi l-artikolu 406(4) jidentifika ruhu ma' dak l-istadju istruttorju quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn, meta dik il-Qorti fil-vesti istruttorja taghha, tibghat l-atti lill-Avukat Generali sabiex imputat jitqieghed taht Att ta' Akkuza u jekk l-Avukat Generali ma jkunx ghadu hareg tali Att jista' jerga' jibghat l-atti lura lil dik il-Qorti biex tisma' xhieda ohra jew terga' tisma' xhud jew xhieda skond il-kaz. Dan ir-rinviju jista' jsir b'mod ripetut u bla zmien naturalment fil-konfini tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli. Dan izda mhux il-punt hawn in dibattitu ghaliex dak li hu taht konsiderazjoni hu x'jigri jekk l-Att ta' Akkuza jkun hareg, bhal f'dan il-kaz, u l-Avukat Generali jew l-imputat jkunu jridu jisimghu xiehda gdida;

8. Huwa palezi illi l-artikolu invokat mill-Avukat Generali, moqri wahdu, ma johloq l-ebda dritt u konsegwentement l-ebda poter tal-Qorti li tordna smiegh ta' xhieda f'cirkostanzi li ma jissemmewx . Dan l-artikolu jipprovdi is-segwenti:

**406. (1) Jekk l-att tal-akkuza jkun gia gie ipprezentat, it-talba tal-Avukat Generali jew tal-imputat, imsemmija fl-ahhar artikolu qabel dan, ghanda ssir b'rikors lill-Qorti Kriminali. Dan ir-rikors ghandu jkun fih lista tax-xhieda li jintalab li jingiebu u fih ghandu jinghad car fuqhiex dawk ix-xhieda ghandhom jinsemghu. Il-qorti, jekk tilqa' t-talba, ghandha tordna li jinsemghu x-xhieda u li, ghal dan il-hsieb, ir-rikors jigi mibghut lill-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja, u din il-Qorti msemmija l-ahhar ghandha timxi skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu hawn fuq imsemmi.**

**(4) It-talba ghas-smigh tax-xhieda fil-kazijiet imsemmijin f'dan l-artikolu ma tigix milqugha hlief meta l-qorti tkun sodisfatta li x-xhieda jkunu sejrin isiefru jew ikunu fil-periklu tal-mewt jew fi stat li aktarx ma jkunux jistghu jidhru l-qorti dak in-nhar tal-kawza; u jekk ix-xhieda jinsemghu wara li jkun ghalaq iz-zmien li hemm moghti fl-artikolu 438 ghall-prezentata tan-nota tax-xhieda li ghandhom jingiebu fil-kawza, ix-xiehda taghhom ma tistax tingieb hlief bil-permess tal-Qorti Kriminali, li jinghata biss meta din il-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun tal-**

**fehma li l-prova li tista' ssir b'dik ix-xiehda tkun rilevanti ghall-kawza.**

9. L-"artikolu qabel dan" li ghalih jaghmel referenza l-artikolu 406 (1) appena riprodott jipprovdi hekk:

> 405 (1) Il-qorti, wara li tibghat l-atti biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza u qabel ma jigi ipprezentat l-att tal-akkuza, b'talba bil-miktub tal-Avukat Generali, ghandha taghmel mistoqsijijiet ohra lix-xhieda il jkunu ga nsemgu jew tisma' xhieda godda.

10. Rikapitolati dawn iz-zewg artikoli, ifisser illi fil-kors normali tal-kumpilazzjoni, fejn allura ma tkunx ghadha inharget l-Att ta' Akkuza, l-Avukat Generali jista', b'talba bil-miktub lill-Qorti Istruttorja, skond is-subartikolu (2), jibghat l-atti lura lill-Qorti Istruttorja sabiex terga' tqieghed mistoqsijiet lil xhieda li jkunu gia ddeponew jew li tisma' xhieda godda. Dak huwa l-artikolu 405. Meta, izda jkun inhareg l-Att ta' Akkuza, is-sitwazzjoni hi wahda pjuttost differenti ghaliex it-talba issa ghandha tiehu forma ta' rikors lill-Qorti Kriminali u dan hu essenzjalment l-artikolu 406. Izda, filwaqt li dan l-ahhar artikolu jirreferi ghat-"talba tal-Avukat Generali jew tal-imputat, imsemmija fl-ahhar artikolu", liema talba tista' tkun dwar kwalunkwe xhud li gia xehed jew xhud gdid, fis-subartikolu (4) jidher li t-talba tista' tkun biss dwar xhieda li jkunu sejrin isiefru jew fil-periklu tal-mewt jew fi stat li aktarx ma jkunux jistghu jidhru l-qorti dak in-nhar tal-kawza.

11. Illi meta l-artikolu 406 jitqiegħed fil-perspettiva tal-funzjonament guridiku ta' kawża quddiem il-Qorti Kriminali bil-ħrug ta' Att ta' Akkuża, bilfors iqanqal certi mistoqsijiet dwar ir-relevanza tiegħu. Ifisser allura illi xhud gdid jista' jinstema' biss jekk ikun ser imut jew isiefer?; għaliex għandu jerga' jinstema' xhud jekk ix-xiehda tiegħu tkun debitament registrata fl-atti kumpilatorji fuq il-premessa li dan ser imur jew isiefer fiż-żmien tal-kawża? Dan għandu jagħmel sens guridku fil-każ li t-talba ssir mill-imputat għal fini ta' kontro-eżami iżda fil-każ li ssir mill-Avukat Generali x'inhu l-għan jekk dan ix-xhud jkun gia ddepona u x-xiehda traskritta hija in atti? Għaliex fis-subartikolu (1) ssir referenza għall-artikolu 405 li ma jagħmel ebda restrizzjonijiet fuq min għandu jitressaq bħala xhud gdid sabiex imbagħad fis-subartikolu (4) donnu johloq il-kwalifika tal-mewt jew safar waqt il-kawża?. Għal dawn il-kweżiti jipprovdi r-rimedju l-artikolu 440(5) li jipprovdi li "**jekk matul il-kawża, jinsab li hu meħtieg jew utili li jinstema' xi xhud, jew li wieħed ikollu taħt għajnejh dokument jew oggett li ma jkunx ingħata fin-nota minn ebda waħda mill-partijiet, il-qorti tista'** ***ex officio*** **tordna li jissejjaħ ix-xhud u li tittieħed ix-xiehda tiegħu, jew li jingieb id-dokument jew l-oggett mhux imsemmi fin-nota**";

12. Issa, minkejja li t-talbiet tal-Avukat Generali saru fit-termini tal-artikolu 406 tal-Kodici Kriminali, l-ewwel Qorti laqgħet it-talba fit-termini tal-artikoli 406 u 440(5) tal-Kodici Kriminali kombinati flimkien. Id-decizzjoni tal-Qorti li tippermetti s-smiegħ tax-xhieda godda ma kienitx waħda *marte proprio* iżda mqanqla minn talba appożita tal-Avukat Generali. Minkejja li l-Avukat Generali għamel referenza għall-

artikolu 406 tal-Kapitolu 9 huwa sejjes din it-talba u t-talbiet l-ohra fuq l-ezistenza ta' xhieda godda u l-Qorti Kriminali ghazlet it-triq l-aktar logika billi awtorizzat is-smiegh tax-xhieda godda mhux fit-terminu ta' dak l-artikolu wahdu izda fit-termini tal-artikolu 440(5) moqri flimkien ma' dak indikat mill-Avukat Generali. Tajjeb li jkun osservat illi fl-eventwali cahda tat-talba bazata fuq l-artikolu 406 xejn ma kien josta lill-Avukat Generali li jerga' jressaq l-istess talba taht l-artikoli korretti. T-talba tal-Avukat Generali, wara kollox, kienet li jinstemghu xhieda godda mhux maghrufa waqt l-istruttorja u l-Qorti Kriminali ddisponiet minn din it-talba fuq dik il-premessa u ghall-ebda motiv iehor. Dan hu komprensibbli ukoll meta konsiderat mill-ottika ta' dak li jiddisponi l-artikolu 436(3)(c) tal-Kodici Kriminali, jigifieri, li jmiss lill-Qorti "*li taghmel f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-ligi taht piena ta' nullita', kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni taghha, li hu mehtieg ghat-tikxif tal-verita'*". Setgha wiesgha din li certament tabbraccja ic-cirkostanza in disamina;

13. L-*iter* processwali li jwassal ghall-kawza quddiem il-Qorti Kriminali jinizzja mill-fazi kumpilatorja quddiem il-Qorti Istruttorja bis-setgha tal-Avukat Generali kif ukoll tal-imputat li jitolbu l-produzzjoni ta' xhieda waqt il-kors ta' dik il-procedura. Dak il-kapitolu jinghalaq bil-hrug tal-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali minn fejn jiskatta d-dritt tal-akkuzat li jipprezenta l-eccezzjonijiet preliminari tieghu u jindika permezz ta' nota l-ismijiet tax-xhieda flimkien mar-raguni u d-dokumenti li jixtieq iressaq. Wara dan l-istadju tista' tinqala' l-htiega tal-Avukat Generali jew tal-akkuzat li jitolbu zieda fil-lista ta' xhieda u dokumenti u ghal dan il-ghan

ikun mehtieg il-permess specjali tal-Qorti Kriminali fit-termini tal-artikolu 440(3) tal-Kodici Kriminali. Storikament dan kien dejjem interpretat li hu permessibbli kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti meta ccitat lill-Professur Giuseppe Cremona fil-ktieb tieghu "*Raccolta della Gurisprudenza sul Codice Penali*". Dak illi dan l-artikolu tal-Kodici Kriminali, l-interpretazzjoni tieghu u meta moqri flimkien mal-artikolu 406(5), 405 u 440(4) u 436(3) jipprospetta bhala diffikulta' mhuhiex jekk jistax f'dan l-istadju tkun milqugha talba ghal smiegh ta' xhieda godda izda jekk bis-smiegh ta' dawk ix-xhieda jew dokumenti jistax ibghati pregudizzju l-akkuzat jew l-Avukat Generali f'dik il-kawza;

14. Huwa dan li l-Qorti Kriminali trid tezamina f'talba li ssirilha ghal dan il-ghan meta tigi biex teroga dak il-permess specjali msemmi fl-artikolu 440(3) u (4). Din il-Qorti, diversament preseduta, ghamlet tali ndagini fil-passat u referenza qed issir ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ali Mohammed Ali Knajber** tal-20 ta' April, 1995. Interessanti ferm dak ritenut f'digriet tal-Qorti Kriminali riprodott f'sentenza ta' din il-Qorti ukoll ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Clarissa Cachia** tas-26 ta' Marzu, 2001:

> ".....Huwa propju ghalhekk li **imiss ukoll lill-Qorti ... lil taghmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-ligi taht piena ta' nullita', kull ma jidrilha, fid-diskrezzjoni taghha, li hu mehtieg ghat-tikxif tal-verita**" (artikolu 436(3) (c) tal-Kodici Kriminali);
>
> Aktar specifikatament huwa ghalhekk illi l-Qorti ghandha s-setgha skond l-artikolu 439(5) tal-istess Kodici: "**izda, jekk matul il-kawza jinstab li huwa mehtieg jew utili li jinstema' xi xhud, jew li wiehed ikollu taht ghajnejh**

**dokument jew oggett li ma jkunx inghata fin-nota minn ebda wahda mill-partijiet, il-Qorti tista' *ex officio* tordna li jissejjah ix-xhud u li tittiehed ix-xhieda tieghu, jew li jingieb id-dokumet jew l-oggett mhux imsemmi fin-**nota". Huwa minnu illi din is-setgha tal-Qorti ma gietx minnha invokata fil-kaz odjern u li l-prosekuzzjoni qieghed invece tibbaza t-talba taghha fuq is-subartikolu 3 u 4 tal-istess artikolu 439 [illum 440 – notament ta din il-Qorti] li jipprovdu:

Is-subartikolu 3: "**Ebda xhud, dokument jew oggett li ma jkunx inghata fin-nota jew li ma jkunux gew prezentati kif provdut fl-artikolu 438, ma jista' jingieb fil-kawza minghajr permess specjali tal-Qorti"**;

Is-subartikolu 4: "**Dan il-permess jinghata biss meta jinstab li l-prova hija relevanti u l-Avukat Generali jew l-akkuzat ma jkunux bata hsara billi l-prova ma tkunx giet moghtija fin-nota fuq imsemmija jew billi l-prezentata ma tkunx saret fiz-zmien specifikat fl-artikolu 438**";

Jirrizulta ghalhekk illi skond dan l-artikolu l-Qorti tista' taghti dan il-permess, minkejja li wiehed specjali, fejn ix-xhud huwa "relevanti" u fejn l-"akkuzat" ma jkunx bata hsara. Il-kelma hsara bl-Ingliz hija "*prejudice*", Il-ligi ma tistipulax xi tfisser il-kelma "hsara" jew "*prejudice*" fil-Kodici Kriminali;

Din il-Qorti kellha ghalhekk tirricerka s-sinifikat li nghata lil dawn il-kliem fir-gurisprudenza ta' pajjizna. Fis-sentenza l-**Maesta' taghha r-Regina *vs* Gaetano Micallef** tal-5 ta' Novembru, 1953 gie ritenut fir-rigward ta' ammissibilita' ta' xhieda li ma kinitx giet indikata fit-terminu li din kellha tigi sollevata; "**(1) tkun relevanti u (2) li l-partijiet fil-gudizzju ma jkunux gew ippregudikati bl-ommissjoni taghha min-nota tax-xhieda ipprezentata in termine jew min-nuqqas tal-prezentata tan-nota fiz-zmien li trid il-ligi. Ma hemmx bzonn jinghad li l-pregudizzju msemmi fuq mil-legislatur ma jikonsistiex fl-effikacja li jista' jkollha l-prova, skond il-kaz, fuq l-akkuza jew id-difiza, imma fid-diffikulta' li tinstab fiha l-parti li kontra taghha tkun sejra tingieb dik il-prova gdida fil-fatt li tkun sejra tigi prodotta f'daqqa, improvvizament, bla ma jkollha l-opportunita' li tikkombattiha (ara Regina *vs* Vella, 26 ta' Novembru, 1889, Rex *vs* Vincenzo Bonnici, 21 t'Ottubru,**

**1916). Fl-avverament ta' liema ipotesi r-rimedju ma hux l-eskluzjoni ta' prova imma l-akkordament ta' differiment lill-parti li tkun pregudikata halli tkun tista' iggib provi kuntrarji**". Din is-sentenza minkejja li wahda pjuttost antika giet ikkwotata u ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Repubblika ta' Malta *vs* Dr. Lawrence Pullicino**, 15 ta' April, 1994. "**F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tal-5 ta' Novembru, 1953 in re: Il-Maesta' taghha r-Regina *vs* Gaetano Micallef fejn hemm espost b'mod car it-tema tal-produzzjoni tax-xhieda mhux dikjarata b'referenza ghal xi gurisprudenza antecedenti".** F'dak il-kaz il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet ikkonfermat id-decizjoni tal-Qorti Kriminali li kienet ammettiet xhieda fil-Prim'Istanza;

Stabbilit li din hija l-ligi ta' pajjizna fl-istess waqt li ma jidhirx li huwa b'xi mod ikkontestat jew allegat illi x-xhieda ta' Joseph Fenech mhix "relevanti" l-Qorti thoss li ghandha tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali salv li tinghata l-possibilita' lid-difiza illi, jekk thoss il-bzonn, iggib provi godda hija wkoll biex tirribatti x-xhieda ta' dan ix-xhud u salv, safejn huwa applikabbli, il-provvediment ta' l-artikolu 637 tal-istess Kodici Kriminali.

F'dawn il-parametri, jigi ripetut, it-talba ta' l-Avukat Generali hija milqugha";

15. Qabel tissokkta bil-kunsiderazzjoni taghha, tajjeb li jkun ccarat minn din il-Qorti illi dak appena citat kien parti minn digriet tal-Qorti Kriminali prolatat fil-kors ta' guri wara li l-akkuzata kienet mistoqsija xi twiegeb ghall-akkuzi u wara li intghazlet il-gurija u fil-kors tas-smiegh tal-provi. In omagg ghar-regola fl-artikolu 518 tal-Kodici Kriminali dwar min jista' jara l-atti tal-Qorti ta' Gustizzja Kriminali u in omagg ukoll tal-kuncett tal-*equality of arms*, l-Qorti tirrileva li dan id-digriet kien hawn riprodott ghaliex sar pubbliku la darba citat f'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta peress illi dak id-digriet kien il-mertu tal-appell quddiemha. Ghal kompletezza tal-kwadru dak l-appell propost mill-akkuzata

kien dikjarat irritu u null stante li ma hemm ebda dritt ta' appell minn digrieti tal-Qorti Kriminali fil-kors tal-guri wara l-qari tal-Att tal-Akkuza u wara li l-akkuzat/a iwiegbu ghall-istess;

16. Illi din il-Qorti tabbraccja u taghmel taghha l-kunsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti Kriminali u riprodotti *supra* u zzid ittenni li kemm il-darba l-Qorti Kriminali ghandha s-setgha li tippermetti smiegh ta' xhieda godda u/jew introduzzjoni ta' dokumenti godda proprju waqt il-kors tal-guri *ex* artikolu 440 (3) u (4) *multo magis* din is-setgha hija estiza lill-istess Qorti qabel il-qari tal-Att ta' Akkuza, jigifieri qabel ic-celebrazzjoni tal-guri fil-konfini tal-artikoli diskussi *supra.* Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax fuq l-ghaqal tall-Qorti Kriminali li filwaqt li ezercitat dan il-poter ghazlet dik li deherilha li hi l-ahjar triq sabiex tiggarantixxi *equality of arms* billi bghatet l-atti lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja sabiex tisma' hi dawk il-provi l-godda u b'hekk l-akkuzati inghataw l-opportunita' li jaghmlu dak kollu li hu fl-interess taghhom inkluz li x-xiehda tinstemgha fil-presenza taghhom, li jaghmlu l-kontro-ezamijiet jekk hekk jidrilhom, li jaghmlu eccezzjonijiet preliminari ulterjuri soggetti ghall-appell kif ukoll, u fuq kollox, li ma jkunux sorprizi b'xiehda gdida waqt ic-celebrazzjoni tal-guri;

17. Illi fil-kunsiderazzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti ezaminat bir-reqqa u ghamlet l-osservazjonijiet taghha dwar l-ewwel sitt eccezzjonijiet fejn dawn jallegaw li qatt ma setghet tkun milqugha t-talba tal-Avukat Generali meta mghamulha fit-termini tal-artikolu 406(4) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk

ukoll l-akkuzati huma ghall-ahhar skorretti fl-ewwel parti tal-ewwel aggravju meta jallegaw li l-Qorti Kriminali ma ndirizzatx il-punt imqajjem fl-eccezzjoni. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-parti tal-ewwel aggravju qed tkun michuda;

18. Illi f'dan l-istess aggravju, l-appellanti jallegaw ulterjorment illi fl-ewwel sitt eccezzjonijiet minnhom mqanqla talbu l-isfilz tax-xiehda tal-persuni hemm imsemmija "peress illi l-artikolu 440(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta invokat mill-Qorti Kriminali fid-digriet moghti minnha fis-26 ta' Novembru, 2019 (a fol. 644) huwa leziv ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem in kwantu jaghti l-fakulta' illi dik il-Qorti *ex officio* tippermetti s-smiegh ta' xhud illi ma tkunx ressqet il-prosekuzzjoni u b'hekk u fil-kaz in specje dik il-Qorti ma baqghetx indipendenti u imparzjali izda uzat tali artikolu tal-ligi biex dak illi ma ghamiltx il-prosekuzzjoni tghamlu hija ossija illi *ex officio* tordna illi jissejhu Melvin Theuma*, ……";* F'dawk l-eccezzjonijiet, l-akkuzati talbu lill-Qorti Kriminali taghmel referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha u "ladarba l-Qorti Kriminali ma sabitx illi l-kwistjoni imqajma mill-esponenti hija semplicement frivola jew vessatorja il-Qorti Kriminali kienet obbligata illi tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex tigi deciza minnha u errat meta m'ghamlitx hekk";

19. Ezaminati l-atti processwali in rigward, din il-Qorti frankament ma tistax tifhem ghaliex l-appellanti ressqu din il-lanjanza. Jibda biex jinghad illi l-ewwel Qorti ghamlet ezami *funditus* tal-ilment tal-akkuzati kif prospettat fl-eccezzjonijiet taghhom u oltre li ma ghandha xejn x'tista' zzid ma' dawk il-

konsiderazzjonijiet tosserva illi l-Qorti Kriminali kkonkludiet dwar dak l-ilment kif ukoll dwar it-talba li ssir referenza billi qalet: "**Illi allura ghal dawn il-motivi lanqas it-talba imressqa mill-akkuzati sabiex il-Qorti tirreferi din il-kwistjoni ghad-determinazzjoni mill-qorti ta' kompetenza kostituzjonali ma jisthoqqilha akkoljiment**".

20. Jizdied ikun osservat biss illi fid-digriet taghha tas-26 ta' Novembru, 2019 il-Qorti ma ezercitatx il-poter taghha *ex officio* kif moghti lilha mill-artikolu 440(5) tal-Kodici Kriminali u kif allegat mill-akkuzati, ghaliex l-ordni taghha kien b'reazzjoni diretta tal-Avukat Generali meta talab li jinstemghu xhieda godda u mhux ghaliex il-Qorti *marte proprio* innotat xi cirkostanza fejn ikun ahjar li jinstemghu xhieda godda. Maghmula din l-osservazzjoni, imiss issa li tkun diskussa l-kwistjoni li qed tippreokkupa lill-akkuzati konsistenti filli l-Qorti Kriminali naqset milli tuza l-kliem "frivola jew vessatorja" meta ddisponiet mit-talba taghhom li ssir referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili';

21. Ghandu jkun minnufih osservat illi fis-sistema guridku taghna ma hemm l-ebda dritt ta' appell minn decizjoni Qorti li tichad talba biex tirreferi vertenza ta' natura kostituzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ( *ex* artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan qed jinghad ghaliex din il-parti tal-ewwel aggravju ghandha proprju x-xejra ta' appell fuq dan il-fatt. Izda, sabiex ikun hekk deciz, jehtieg li jkun ezaminat l-ilment tal-appellanti meta jallegaw illi bin-nuqqas tat-terminologija adatta, l-ewwel Qorti naqset milli tipprovdi dwar it-talba taghhom u li ghalihom ifisser li b'hekk ma sabet ebda aspett frivolu jew

vessatorju f'dik it-talba, bil-konsegwenza li kellha tordna dik ir-referenza;

22. L-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi:

> **Jekk f'xi proceduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin), dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm il-darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja …**

23. Huwa minnu illi meta l-Qorti Kriminali ddisponiet mit-talba tal-akkuzati ma adoperatx il-kliem "semplicement frivola jew vessatorja" u minflok ddisponiet minn dik il-lanjanza billi ddikjarat "*Illi allura ghal dawn il-motivi lanqas it-talba imressqa mill-akkuzati sabiex il-Qorti tirreferi din il-kwistjoni ghad-determinazzjoni mill-qorti ta' kompetenza kostituzjonali ma jisthoqqilha akkoljiment*". Izda ma jistax b'daqshekk jinghad illi dik il-Qorti "errat meta m'ghamlitx hekk" jigifieri meta ddisponiet minn dik it-talba li saritilha, mhux per via ta' rikors jew verbalment izda per via ta' u bhala wahda mill-eccezzjonijiet ta' natura preliminari, bi kliem differenti minn "semplicement frivolu jew vessatorju". Il-kliem "ma jisthoqqilha akkoljiment" ghandu l-istess effett ta' dikjarazzjoni ta' natura frivola jew vessatorja;

24. Illi l-akkuzati appellanti iressqu argumenti b'sostenn tal-lanjanza taghhom ghaliex l-ewwel Qorti kellha tilqa' t-talba taghhom ghar-referenza, izda la darba huwa deciz li l-Qorti Kriminali effettivament cahdet din it-talba, u la darba ma hemm l-ebda dritt ta' appell in rigward, il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din il-parti tal-aggravju. Ghalhekk ma tarax li ghandha tinoltra aktar minn hekk dwar dan u konsegwentement tichad din it-tieni parti tal-ewwel aggravju;

**It-tieni aggravju** – dwar ic-cahda tal-eccezzjonijiet ulterjuri bin-numru 7, 8 u 9 (hawn riprodotti):

> (7) Illi l-esponenti jitolbu l-isfilz tar-recordings kollha illi gew ezebiti u illi allegatament ittiehdu minn Melvin Theuma billi quddiem il-Qorti Istruttorja dawn ir-*recordings* ma ssemmawx jew ma ssemmawx fl-intier lil Melvin Theuma u ghalhekk huwa ma ikkonfermahomx jew ma ikkonfermax fl-intier il-kontenut taghhom;
>
> (8) Illi konsegwentement l-esponenti jitolbu l-isfilz ta' kwalunkwe rapport jew ezebit jew ezercizzju ta' *optimisation ta' l-istess recordings* illi sar mill-espert Keith Cutajar;
>
> (9) Illi l-esponenti jitolbu l-isfilz tar-*recordings* kollha illi gew pprezentati fis-seduta mizmuma quddiem il-Qorti istruttorja fit-13 ta' Jannar, 2021 minn Dr. Yanika Zammit Tabona, Nancy Zammit u Graziella Abela billi ma gew qatt ikkonfermati mill-persuna illi allegatament hadet ir-*recordings* u billi l-ilhna illi allegatament jinstemghu fuqhhom mhumiex identifikati

izda mnizzla bhala “Persuna 1” u “Persuna 2” jew “Persuna A” u “Persuna B”;

26. Illi l-Avukat Generali irribatta ghal din il-lanjanza billi *inter alia* sostna li “Dawn l-esebiti jikkostitwixxu **sieghat twal** ta’ registrazzjonijiet. Kif wiehed ragjonevolment jistenna, il-prosekuzzjoni ma qaghditx tahli granet shah lill-Qorti tal-Magistrati issemma’ dawn ir-registrazzjonijiet fl-awla fl-intier taghhom. Minflok, semmghat biss l-ewwel partijiet ta’ kull registrazzjoni, bix-xhud Melvin Theuma jikkonferma li kull registrazzjoni partikolari ghamilha hu, il-lok ta’ fejn kienet saret kull registrazzjoni partikolari, u ndividwa wkoll il-persuna/i li lehinhom jinstema’ f’tali registrazzjonjiet. Ir-registrazzjonijiet gew esebiti fl-intier taghhom u b’hekk il-prova giet ikkonservata skond il-ligi. Naturalment, wara li tali registrazzjonijiet jigu msemmghin (played) fl-intier taghhom waqt ic-celebrazzjoni tal-guri, id-difiza jkollha kull opportunita’ li tindirizza lill-gurati dwar l-attendibilita’ u/jew il-valur probatorju taghhom….”;

27. Din il-Qorti ma ghandha xejn x’tista’ zzid mal-mod korrett kif il-Qorti Kriminali ddisponiet minn dan l-aggravju, allura l-eccezzjonijiet numru 7, 8 u 9, tant illi tabracca l-istess u qed tirriproduci l-parti relattiva tas-sentenza ghall-kompletezza ta’ dan l-appell:

> “Illi l-Qorti tibda biex tgħid illi l-funzjoni tal-Qorti Istruttorja hija dik li tiġbor u tippreserva il-provi, kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tal-akkużat, u sabiex tħejji l-istruzzjoni tal-kawża li eventwalment ser tinstema’ quddiem din il-Qorti fil-ġuri.

**"12. Fis-sistema legali taghna, meta persuna tigi akkuzata mill-Pulizija Ezekuttiva b'reat li jeccedi l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-Qorti tal-Magistrati tipprocedi ghall-kumpilazzjoni ossia istruttorja. Fil-fatt il-Qorti talMagistrati ghandha zewg attribuzzjonijiet, wahda ta' qorti ta' gudikatura kriminali u ohra ta' qorti istruttorja. L-istruttorja hija forma ta' investigazzjoni gudizzjarja li ghandha zewg skopijiet principali: (a) li jingabru u jigu preservati l-provi li eventwalment jingiebu quddiem il-Qorti u (b) li jigi deciz jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex limputat jitqieghed taht att ta' akkuza.[1]"**

Illi imbagħad huwa f'idejn il-partijiet fil-litiġju illi jagħmlu l-prova minnhom meħtieġa sabiex jippruvaw il-kaz tagħhom, bil-Prosekuzzjoni trid tipprova il-każ tagħha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, u d-Difiża li tipprova ixxejjen dawk il-provi u dan sabiex, sal-grad tal-probabbli, teżimi lill-akkużati mir-responsabbilta' penali għar-reati lilhom addebitati. Issa quddiem l-Istruttur, instema' jixhed ix-xhud Melvin Theuma, li eżebixxa diversi reġistrazzjonijiet ta' konversazzjonijiet fejn allegatament l-akkużati ġew implikati fil-kummissjoni tar-reati lilhom addebitati fl-Att ta'l-Akkuża. Illi l-Qorti anke tat opportunita' lid-Difiża li tagħmel il-kontro-eżami ta' dan ix-xhud f'dan l-istadju tal-Istruttorja. Irriżulta illi uħud minn dawn ir-reġistrazzjonijiet ma setgħux jinqraw u għalhekk b'rikors ippreżentat mid-Difiża quddiem il-Qorti ta'l-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar 2021, liema rikors ġie riferut għal deċiżjoni lil din il-Qorti, l-akkużati talbu sabiex (a) jinħatar espert tal-informatika biex jippreżenta r-

[1] Qorti Kostituzzjonali Il-Pulizija vs Joseph Lebrun deċiża 09/02/2007 Nru16/2006

*recordings* f'format illi jkun faċilment aċċessibbli u (b) biex jinħatar traskrittur sabiex iħejji u jippreżenta it-traskrizzjonijiet ta' dawn ir-reġistrazzjonijiet. Dawn iż-żewġ talbiet ġew milqugħa permezz ta' digriet tas-17 ta' Frar 2021 fejn l-atti ġew mibgħuta lil Qorti Istruttorja sabiex:

1. Dik il-Qorti taħtar mill-ġdid l-espert tal-informatika u dan sabiex l-imsemmi espert jara li d-disa' *recordings* indikati mill-akkużati l-aħwa Degiorgio fir-rikors tagħhom ikunu aċċessibbli għall-partijiet kollha fil-kawza u wkoll;
2. Sabiex wara dan jiġi maħtur traskrittur sabiex jagħmel traskrizzjoni ta' dawn ir-*recordings*.
3. Sabiex jiġi konkluż definittivament il-kontro-eżami tax-xhud Melvin Theuma

Illi traċċat dan l-*iter* proċesswali allura jemerġi illi l-provi marbuta max-xiehda ta' Melvin Theuma kollha ġew ippreservati u miġbura quddiem il-Qorti Istruttorja, bix-xhud Theuma jiddeponi, fejn id-Difiża tingħata l-opportunita' tagħmillu l-kontro-eżami, l-imsemmi xhud jeżebixxi r-reġistrazzjonijiet minnu magħmula, jiġi maħtur espert sabiex isiru il-kopji għal partijiet li jkunu faċilment aċċessibbli għalihom u jistgħu jinqraw, u jinħatru traskritturi sabiex isiru id-debiti traskrizzjonijiet, b'uħud minn dawn il-provi jiġu miġbura u kkonservati fuq talba ta'l-akkużati stess. Issa jekk il-Prosekuzzjoni fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri tonqos milli tagħmel il-prova illi r-reġistrazzjonijiet saru mix-xhud Theuma u jekk ix-xhud jonqos milli jikkonferma il-vuċijiet tal-persuni li jinstemgħu f'dawn ir-reġistrazzjonijiet u li allura jikkonferma il-kontenut tagħhom, dan in-nuqqas ċertament ser tbatieh unikament il-Prosekuzzjoni li fuqha tistrieħ il-piż tal-prova, b'tali

nuqqas jimmilita favur l-akkużati. Dan għaliex hija l-Prosekuzzjoni li trid tagħmel il-prova dwar il-kontenut tar-reġistrazzjonijiet u mhux id-Difiża, u allura l-Qorti ma tarax illi l-eċċezzjonijiet ventilati mill-akkużati marbuta ma' dawn it-traskrizzjonijiet jistħoqqilhom akkoljiment. Dan ukoll għaliex dawn id-dokumenti eżebiti mill-Prosekuzzjoni issa jinsabu f'idejhom u ser jinstemgħu fil-guri bix-xhud Theuma ser ikollu l-opportunita' jikkonferma l-istess, bid-Difiża li hija armata preventivament b'dawn id-dokumenti ikollha l-opportunita' tagħmel il-kontro-eżami u fin-nuqqas illi ssir tali konferma allura din tkun mankanza tal-Prosekuzzjoni, bl-evidenza riżultanti b'hekk ma tkunx wahda b'sahhitha bizzejjed.

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-eċċezzjonijiet bin-numri sebgħa (7) sa disgħa (9) qed jiġu miċħuda.";

28. Tajjeb li jkun osservat illi l-pern tal-kwistjoni dwar dawn it-tlitt eccezzjonijiet hu li dawn ir-registrazzjonijiet "ma ssemmawx jew ma ssemmawx fl-intier lil Melvin Theuma" (eccezzjoni numru 7 min-nota tal-eccezzjonjiietulterjuri tal-akkuzat) meta l-istess Melvin Theuma ikkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Istruttur li dawk ir-registrazzjonijiet ghamilhom hu. Hi ghalhekk korretta s-sentenza tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward ghaliex una volta li dawn il-provi kienu prezervati, jispetta issa lill-gurati jikkonsidraw il-valur ta' din il-prova li naturalment jiddependi minn dak kollu li jista' jizvolgi meta titressaq tali prova u jsir l-ezami tax-xhud Melvin Theuma fost ohrjan skond il-kaz;.

29. Illi l-eccezzjonijiet numru 8 u 9 huma konsegwenzjali ghal dik bin numru 7 u stante li l-appellanti ma ghandhomx ragun f'din tal-ahhar, it-tieni aggravju qed ikun michud *in toto*;

**It-tielet aggravju:** Dwar l-eccezzjoni numru 10:

(10) Illi f'kull kaz l-esponenti jitolbu illi Dr. Yanika Zammit Tabone, Nancy Zammit u Graziella Abbela ma jithallewx jixhdu dwar dak illi huma xehdu fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2021 billi isimhom ma giex mizjud mal-lista tax-xhieda ghal dan il-ghan.

30. Illi dwar dan l-aggravju l-akkuzati jressqu l-argument illi la darba isem dawn il-persuni, li huma traskritturi nominati mill-Qorti Istruttorja sabiex jaghmlu traskrizzjoni tar-registrazzjonjiet (*recordings*) li Melvin Theuma jallega li ghamel hu stess, ma jidhrix fl-elenku tax-xhieda mal-Att ta' Akkuza "huma ma setghux jithallew jixhdu dwar dak illi huma xehdu fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2021 u ma hemm l-ebda disposizzjoni tal-ligi illi tista tissana tali nuqqas" u "..ghalhekk il-Qorti Kriminali ma setghetx tordna illi isimhom jizdied mal-lista tax-xhieda u jizdiedu l-ezebiti mal-lista ta' oggetti u dokumenti u minflok kellha tilqa' l-10 eccezzjoni ulterjuri ...";

31. Illi dan l-aggravju jirrazenta l-fierah u ma jisthoqlux li jkun akkolt. Kif tajjeb osservaw l-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata u l-Avukat Generali fir-risposta ghal dan l-appell, is-smiegh ta' dawn it-tlitt esperti bhala traskritturi kienet mitluba mill-istess akkuzati wara li xehed Melvin Theuma u esebixxa r-*recordings* imsemmija aktar 'l fuq. Isem dawn l-esperti **<u>qatt</u>** ma seta' tnizzel qabel fil-lista ta' xhieda li l-Avukat Generali

pprezenta mal-Att ta' Akkuza in ottemperament mal-artikolu 592(2) tal-Kodici Kriminali u dan ghaliex l-ezistenza ta' dawk ix-xhieda ma kienux maghrufa stante li dawn kienu nominati mill-Qorti Istruttorja wara l-hrug tal-Att ta' Akkuza wara li xehed Melvin Theuma in segwitu li sar xhud kompetenti fil-25 ta' Novembru 2019 meta l-Att ta' Akkuza hareg fis-16 ta' Lulju, 2019;

32. Illi eccepit dan l-ilment quddiem il-Qorti Kriminali u fil-jum li fih saru sottomissjoijiet dwar l-eccezzjonijiet ulterjuri, jigifieri fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2021, l-Avukat Generali talab li isem dawn ix-xhieda jizdied fil-lista tax-xhieda tal-Proskeuzzjoni. Id-difensur tal-akkuzati oggezzjona "gharraguni li din il-talba ma saritx qabel ma tressqet l-eccezzjonijiet minnu sollevata u dan a kuntrarju ta' talbiet simili ohra li saru fir-rigward ta' xhieda ohra wara l-hrug tal-att tal-akkuza". Fissentenza mertu ta' dan l-appell, il-Qorti Kriminali laqghet ittalba tal-Prosekuzzjoni sabiex isem dawn ix-xhieda, xhieda u dokumenti ohra jizdiedu mal-lista ta' xhieda u oggetti tal-Prosekuzzjoni;

33. L-akkuzati ma ghandhomx ragun meta jillanjaw illi "ma hemm l-ebda disposizzjoni tal-ligi illi tista' tissana tali nuqqas. Huwa proprju l-artikolu 440(3) u (4) tal-Kodici Kriminali citat wisq drabi minn din il-Qorti f'din is-sentenza li jilqa' ghal-tali eventwalita'. Dak li kellu jkun mistharreg mill-ewwel Qorti, kif essenzjalment sar b'mod rigoruz, kien li jsir ezami dwar jekk l-akkoljiment tat-talba tal-prosekuzzjoni kienet ser tkun ta' pregudizzju ghall-akkuzati. Dan l-ezami sar u ghall-ghan ta' revizjoni dwar xi tfisser il-kelma "pregudizzju" ssir referenza ghal dak konsiderat *supra* dwar l-ewwel

aggravju. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li fihom inzammet fil-mira li originarjament dawn ix-xhieda kienu mitluba mill-istess akkuzati, li l-ghan tax-xiehda taghhom hu li jikkonfermaw it-traskrizzjonijiet ta' registrazzjonijiet u mhux il-veracita' tar-registrazzjoni u li dawn qatt ma setghu jkunu jiffurmaw parti mil-lista ta' xhieda, ma jirrekaw ebda pregudizzju fil-konfront tal-akkuzati;

34. Illi ghalhekk il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti bazata fuq il-konsiderazzjonijiet logici taghha b'interpretazzjoni korretta tal-ligi tinduci lil din il-Qorti sabiex tichad dan it-tielet aggravju tal-appellanti.

35. Ghal dawn il-motivi l-aggravji kollha tal-appellanti qed ikunu michuda u tordna li l-atti jkunu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti ghat-tkomplija tal-kaz skond il-ligi.

ONOR. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI

ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF

ONOR. IMHALLEF GIOVANNI M. GRIXTI